# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 40**

14 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

## 40.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

40.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 40.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

40.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

40.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 39.4.1 li għandha taqra "huwa żied jgħid ukoll li fil-fażi li jmiss ser jiġu rranġati il-banjijiet ta' Santu Rokku."

40.2.3. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 39.10.2 li għandha taqra "Trevor Borg".

40.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

40.2.5. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 39.2.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-logo tal-Kunsill. Is-Sindku DSH talbet lill-Kunsillier AD sabiex jieħu ħsieb jaħdem fuq dan il-logo minħabba li l-materja kienet ilha pendenti. Il-Kunsillier AD wieġeb li ser jibda' jaħdem fuqu mill-iktar fis.

40.2.6. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 39.4.2 u staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza mingħand it-Taljani. Is-Sindku u s-SE qalu li s'issa ma kien hemm l-ebda risposta.

40.2.7. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja nru 39.10.4 u qal li hu kien nieżel fuq il-post biex jevalwa s-sitwazzjoni. Il-Viċi Sindku żied jgħid li diġà kien hemm kaxxa safra quddiem l-entratura. Huwa żied jgħid li l-problema għandha tissolva b'iktar infurzar tal-liġi.

40.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 39.3.1 u staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Pulizija rigward iktar sigurtà fil-KGV. Huwa żied jgħid ukoll li riċentement kien hemm ammont kbir ta' atti vandali madwar il-lokalita u nsista li hemm bżonn li tissaħħaħ il-preżenza tal-Pulizija.

40.2.8.1. Is-Sindku DSH qalet li hi kienet diġà kellmet lil-AK Stephen Mallia li kien informaha li kienu qed isiru iktar rondi madwar il-lokalita.

40.2.8.2. Il-Kunsillier JAE qal li dan ma kienx biżżejjed u kien hemm bżonn li jinbidlu l-ħinijiet tar-ronda. Huwa qal li kien hemm bżonn li jsir sforz akbar min-naħa tal-Pulizija.

40.2.8.3. Il-Kunsillier AGS propona li jiġu nstallati iktar sistemi ta' CCTV.

40.2.8.4. Is-Sindku DSH qalet li l-Pulizija ma jistgħux ikunu għassa f'kull post erbgħa u għoxrin siegħa. Hija żiedet tgħid ukoll li Ġnien il-Mall għandu jiġi *upgraded* u tittama li jkun hemm sistema ta' sigurtà aħjar. Is-Sindku qalet ukoll li dan il-ġnien ma kienx jaqa' taħt il-Kunsill. Minkejja dan il-Kunsill kien dejjem jipprova jtejjeb is-sitwazzjoni – tkellem mal-Onor. Herrera u fuq insistenza tal-Kunsill, kienet anke ġiet irranġata l-problema tad-dawl.

40.2.8.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux isiru laqgħat iktar frekwenti mal-Pulizija. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sabiex jitlob li jsiru iktar laqgħat frekwenti.

40.2.8.6. Is-Sindku rrimarkat li għadu ma ġiex appuntat l-uffiċjal li ser jissostitwixxi lill-AK Stephen Mallia. Hija qalet li kienet tkellmet mal-AK Stephen Mallia li assiguraha li għandu jinformaha appena jiġi appuntat xi ħadd minfloku.

40.2.8.7. Rigward il-proposta għal aktar kameras, is-Sindku qalet li finanzjarjament ma kienx possibbli li jiġu nstallati kameras f'diversi postijiet. Hija qalet ukoll li l-kameras ma jsolvu xejn minħabba li l-problema titneħħa minn post u tiġi rilokata għall-post ieħor.

40.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 39.5.1 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-Forum Riġenerazzjoni tal-President. Is-Sindku DSH qalet li bħalissa l-President kienet impenjata bl-attivitajiet tal-Istrina u qalet li għandha terġa' tfakkarha appena jgħaddu l-attivitajiet.

40.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 39.10.1 u staqsa jekk jistax isir xi ħaġa fuq Triq is-Suq c/w Triq Sant'Anna. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien diġà talab lill-Perit tal-Kunsill jagħmel spezzjoni li min-naħa tiegħu kien għamel rapport tekniku datat 10 ta' Marzu 2017, fejn ikkonferma li x-xogħol kien tajjeb u kif suppost.

40.2.11. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk kienx ġie mwassal il-mandat lis-Sur Justin Attard. Is-SE wieġbet li l-mandat kien ħareġ iżda s-Sur Attard kien għadu ma ġiex notifikat.

40.2.12. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-parkeġġ tar-residenti. Is-Sindku DSH wieġbet li kienet intalbet laqgħa mal-Ministru Ian Borg u l-Kunsill kien qed jistenna li jingħata appuntament. Is-Sindku nformat ukoll li waqt laqgħa li nżammet ma' Transport Malta, kien ġie żvelat li hemm ħsieb li jiġu ntrodotti parking meters iżda ma kellhiex iktar dettalji.

**Nota: 17:16 Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

## 40.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

40.3.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-meter tan-niċċa tat-Telgħa tal-Kurċifiss kien inqaleb fuq il-Kunsill u li l-kont pendenti kien tħallas. Il-Kunsillier JAE qal li kien iltaqa' mal-eks sid tan-niċċa li min-naħa tiegħu kien irringrazzja lill-Kunsill kollu tal-għajnuna tiegħu.

40.3.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet twaħħlet *bicycle stand* faċċata tad-Dar tal-Kunsill li kienet ingiebet mil-*Grand Harbour Regeneration Corporation*.

40.3.3. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu ġew allokati żewġ *cat cafés* waħda fi Ġnien il-Mall u l-oħra fi Ġnien Preziosi.

40.3.4. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu ġew installati l-*isky cams* u kien jonqos li tiġi attivata l-website sabiex din tkun tista' tibda' tintuża mill-pubbliku.

40.3.5. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-multa li weħel il-Kunsill mill-OHSA. Hija qalet li wara li l-Kunsill kien ikkonsulta mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, dawn informaw li l-multa għandha titħallas. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jħallas il-multa.

**Nota: 17:20 Il-Kunsillier AGS reġa' attenda għal-laqgħa.**

40.3.6. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-AKL ħarġet pakkett biex rappreżentant tal-Kunsill jissieħeb mal-AKL għal kors biex wieħed ikun jista' jevalwa l-uffiċċju tiegħu għal Health & Safety. Is-SE informat lill-Kunsill li kienet ser tattendi hi.

40.3.7. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-*pigeon culling* li kien sar riċentement mill-Kunsill u staqsiet jekk il-Kunsill kienx interessat sabiex jerġa' jagħmel eżerċizzju ieħor. Hija pproponiet li din id-darba

l-eżerċizzju jsir in-naħa ta' Balzunetta. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jerġa' jitlob dan is-servizz.

40.3.8. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-bilanċ pendenti li għandha l-Akkademja ta' Justin Haber mal-Kunsill. Hija qalet li l-Akkademja ma kienitx għadha tuża l-piċċ u għalhekk proponiet li jiġi skontat il-prezz ta' €30.54 mill-aħħar kont, li kien ikopri parti mill-kont tal-elettriku tal-piċċ. Hija proponiet li l-Akkademja tintalab biss l-ammont dovut għall-meter tad-dressing rooms. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jitwaħħal katnazz sabiex id-*dressing room* ma tibqax tintuża.

40.3.9. Is-SE għamlet riferenza għas-*software* tas-SAGE li ġie nstallat riċentement.

40.3.9.1. Hija qalet li l-Kunsill qatt ma kien ġie nformat li ser ikun hemm bżonn bidla fis-*software* u hi kienet saret taf wara li kienet qed titkellem mal-Accountant tal-Kunsill. Hija qalet li konsegwenza ta' dan, il-Kunsill ma kellux ċans jagħmel riċerka biex jara liem *package* hu l-aħjar.

40.3.9.2. Is-SE qalet ukoll li s-sistema li ġiet installata kienet waħda kkumplikata u kienu nstabu diversi nuqqasijiet ikkumparat mas-sistema preċedenti. Għalhekk, wara li tkellmet mal-Accountant u ma' kunsilli lokali oħra, kienet qed tipproponi li s-sistema tinbidel għas-SAGE Line 50 li għalkemm kienet tiswa' iktar, hija sistema iktar faċli u adattata aktar għal *small enterprises* bħalma hu l-Kunsill.

40.3.9.3. Is-SE qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur u qed tistenna risposta dwar il-possibbiltà li l-Kunsill jingħata skont tal-ammont li nefaq fuq is-sistema preżenti li jitnaqqas mill-ispiża tas-sistema l-ġdida. Hija qalet ukoll li d-*data migration* ma setgħetx issir fl-aħħar tas-sena u huma kienu pproponew li din issir wara l-ewwel kwart.

40.3.9.4. Is-Sindku DSH qalet li ma ssibx oġġezzjoni ladarba dan kien għall-aħjar tal-impjegati u ser iħaffef ix-xogħol. Hija issuġġeriet ukoll korsijiet fuq is-sistema sabiex ikun iktar ċar dak li toffri u ma toffrix is-sistema.

40.3.9.5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li jekk hemm bżonn jinbidel is-software. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jagħmel ħiltu sabiex jirkupra l-ispejjeż li diġà ntefqu fuq is-sistema preżenti.

## 40.4 RAPPORTI

40.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapport.

## 40.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

40.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li sar fi Triq San Publju u staqsa x'kien ser jiġri fuq ix-xogħol pendenti. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur tar-Road Servicing u talbet li jingħata tarmac fit-triq kollha u mhux fil-parti li tkissret biss. Hija qalet li l-kuntrattur kien ser jara x'jgħid il-permess maħruġ minn Transport Malta u kkonferma li ser jingħata tarmac ta' tliet metri fuq kull naħa tal-gandott bit-tarmac.

40.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja preċedenti u staqsa għalfejn il-Kunsill ma kienx ġie kkonsultat qabel sar dan ix-xogħol. Is-Sindku wieġbet li dan kien każ t'emerġenza u f'każijiet bħal dawn ma jkunx hemm bżonn t'approvazzjoni preċedenti.

40.5.3. Il-Kunsillier AGS għamel riferenza għal Triq Sant’Anna. Huwa qal li s-siġar tal-palm kienu għolew u l-fanali kienu ġew mgħottija. Is-Sindku qalet li l-palm twaħħal mingħajr ma ġie notifikat il-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill għandu jitkellem mal-ELC jew ma’ Transport Malta sabiex tinstab soluzzjoni.

40.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal *stop sign* fit-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien tkellem ma’ Transport Malta u kien qed jistenna risposta.

**40.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;**

40.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

**40.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI**

40.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 34/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

40.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Albert Demarco u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t’hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

40.7.1.2. Is-SE għamlet riferenza għall-materja nru 40.3.5 rigward il-multa tal-OHSA u talbet l-approvazzjoni sabiex din titħallas. Il-Kunsill qabel li din il-multa għandha titħallas minnufih.

**40.8 MOZZJONIJIET;**

**MOZZJONI 1**

*Qed jaslu numru konsiderevoli t’ ilmenti m'għand ġenituri tat-tfal tal-iskola peress li fil-ħinijiet li suppost ma jgħaddux il-karozzi fi Triq San Tumas fil-parti fejn hemm l-iskola primarja, qed ikun hemm numru ta' vetturi pparkjati li jkunu jridu joħorġu minn din it-triq - li suppost tkun magħluqa - fil-ħin waqt li t-tfal ikunu jew deħlin jew ħerġin mill-iskola, u dan kull darba jkun ta' detriment għat-tfal, jiġifieri li qed jpoġġu fil-periklu ħajjet it-tfal.*

*Għalhekk qed titressaq din il-mozzjoni sabiex it-tabella li hemm bħalissa tinbidel għal żewġ raġunijiet,:-*

*a) peress li għandha żball grammatikali fid-data cioe’ 31th May – kif kienet imxandra f’ xi midja soċjali, billi din tiġi ikkorreġuta bil-ħinijiet konkreti u akbar; u*

*b) u sabiex fil-ħin indikat fuq l-istess tabella ma titħalla ebda vettura tgħaddi mit-triq, fejn jiġi ndikat ukoll li dan l-eżempju jridu jimxu miegħu wkoll il-vetturi li jkunu pparkjati fl-imsemmija triq waqt il-ħinijiet indikati fuq l-istess tabella sabiex il-vetturi kollha li jinzertaw li jkunu pparkjati hemm isegwu din ir-regola u b’ hekk tiġi eliminata loop hole mill-istruttura preżenti.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)*

Il-Kunsillier JAE spjega li t-tabella fi Triq San Tumas kellha żball grammatikali u għandha taqra "31st". Rigward dan il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Kunsillier JAE propona wkoll li tinbidel it-tabella sabiex sidien ta' vetturi pparkjati fit-triq ma jkunux jistgħu iċaqalqu l-vettura matul il-ħinijiet speċifikati. Huwa qal li tinkwetah ħafna s-saħħa tat-tfal u l-possibbiltà li jkun hemm xi aċċident.

Is-Sindku DSH qalet li diġà kien hemm bollard biex tagħlaq l-aċċess għat-triq matul il-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Il-Kunsillier JAE qal li din mhux dejjem kienet tintuża. Is-Sindku DSH qalet li kienet ir-responsabbilta tal-Pulizija li jassiguraw li din tintuża matul dawn il-ħinijiet. Il-Kunsillier JAE qal li dan għandu jiġi kkjarifikat mal-Pulizija minħabba li l-Pulizija nsistew li din kienet responsabbilta tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku qal li ma jħossx li l-bidla fit-tabella kienet ser issolvi il-problema. Il-Kunsillier JAE qal li anke jekk il-problema ma tissolviex, tal-anqas il-Kunsill ikun għamel l-almu tiegħu. Is-Sindku DSH qalet li l-gwardjani lokali xorta ma jkunux jistgħu jinforzaw dak li tgħid it-tabella ladarba ma jkunx hemm avviż legali.

Il-Kunsillier AGS qal li din il-materja għandha tiġi diskussa mal-Pulizija.

Il-Kunsillier AD qal li l-infurzar fit-toroq m'għandux ikun f'idejn il-Kunsill imma huwa responsabbilta' tal-membri taż-żamma tal-ordni.

Is-SE qalet li jrid isir xi ħaġa sabiex jiġi evitat xi aċċident, hi ta' min hi r-responsabbilta.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mas-Surmast Stephen Miceli.

**Mozzjoni 2**

*Fuq is-sit elettroniku għandha tiġi ntrodotta paġna ġdida li tinkludi kitbiet minn dawk li jkunu għamlu xi kisbiet speċjali, straordinarji u/ jew uniċi, li mhux biss ikunu ġabu dan il-ġieħ lilhom infushom iżda wkoll anke taw isem lil-lokal, bħal kittieba, atturi, mużiċisti, inġiniera u oħrajn. Permezz t' hekk ulied il-Floriana jkollhom paġna tagħhom, jiktbu fuq kisbithom, fuq tfulithom u / jew ir-rabta tagħhom mal-lokal.*

*(Proponent – James Aaron Ellul, Kunsillier)*

Il-Kunsillier JAE qal li din il-paġna fuq is-sit elettroniku tkun sors ta' informazzjoni għar-residenti.

Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk is-sit tal-Kunsill għandux jintuża għal dawn l-affarijiet. Huwa żied jgħid li hemm pjattaformi oħra fejn il-personaġġi jistgħu jiktbu l-istorja tagħhom bħalma hi l-Gazzetta Il-Furjana. Il-Kunsillier JAE qal li l-portall elettroniku huwa aċċessibbli f'kull ħin u mhux kull tant żmien bħalma hi l-gazzetta.

Il-Kunsillier JAE qal li l-kitbiet li qed isemmi għandhom ikunu dwar personaġġi rinomati jew ta' ċertu statut, livell ta' professjoni jew esperjenza. Huwa qal li l-kitbiet m'humiex se jkunu politiċi iżda se jkunu jittrattaw il-ħajja tal-personaġġi.

Il-Kunsillier AD propona li s-sit tal-Kunsill jinqasam f'parti li tkopri l-kultura u l-parti li tkopri l-ħidma tal-Kunsill.

Is-Sindku DSH qalet li l-kitbiet għandhom ikunu analizzati mill-Kunsill qabel ma jiġu mtellgħin fuq il-paġna. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsill, ad eċċezzjoni tal-Viċi Sindku VB li astjena mill-vot, qabel fil-prinċipju bil-kundizzjoni li l-kitbiet ikunu fuq nies distinti u mhux min ġie ġie.

## 40.9 OFFERTI PUBBLIĊI;

40.9.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-UIF Funds kienu telgħu għal €325,000. Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li l-Perit kellu jressaq l-applikazzjoni iżda sa dakinhar, kien għadu ma ppreżentahiex.

40.9.2. Is-Sindku għamlet riferenza għall-problema tal-kiosk tal-KGV u qalet li kienu nġiebu kwotazzjonijiet sabiex issir it-tiswija neċessarja. Hija qalet li saqaf tal-injam kien ser iqum madwar €6000. Hija ssuġġeriet l-alternattiva li s-saqaf isir tal-fibre glass. Is-SE informat li l-fibre glass kien jiflaħ aktar għall-elementi u kellu bżonn t'inqas manutenzjoni mill-injam. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja kemm tiġi l-ispiża jekk is-saqaf isir tal-fibre glass.

40.9.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għad-dokument tal-espressjoni t'interess tal-kiri tal-kiosk u nformat lill-Kunsill li d-dokument kien lest iżda kien għadu ma ġiex ippublikat. Is-SE qalet li kienet qegħda tistenna konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li min-naħa tagħhom kienu qed jistennew l-eżitu ta' laqgħa skedata mad-Dipartiment tal-Kuntratti.

40.9.4. Is-SE għamlet riferenza għall-pannelli t'informazzjoni tal-Floriana Heritage Trail. Hija qalet li kienu nġiebu kwotazzjonijiet, kif kien diskuss, u fakkret li l-istands jammontaw għal €154 kull waħda u l-perspex tiġi tiswa €23.98. Is-SE qalet li kien hemm tlettax-il stand u sitt panels neqsin. Is-SE fakkret ukoll fil-proposta li jsiru pannelli ġodda fi Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jieħu ħsieb jordna l-pannelli li hemm bżonn. Is-SE nformat li għandha tiċċirkola l-lista sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi liem pannelli ser ibiddel l-ewwel.

40.9.5. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet sabiex jitranġaw il-goal posts tal-piċċ sintetiku li tammonta għal €400 u biex jitranġa l-bieb tan-niċċa li tammonta għal €300. Il-Kunsill approva.

40.9.6. Is-SE informat lill-Kunsill bi promozzjoni ta' mapep animati 3D. Hija qalet li l-artwork tagħhom jammonta għal bejn €2000-€3000. Hija qalet li l-Kunsill kien talab kwotazzjoni mingħand Luca Cauchi li kien kwota l-prezz ta' €300. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bl-orħos kwotazzjoni għall-artwork. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jfittex sponsorships li jkopru din l-ispiża.

40.9.7. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien hemm xi tenders li waslu biex jerġgħu jinħarġu u dawn kienu: l-esklussivita ta' bejgħ ta' ikel u xorb fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, il-kiri ta' crash barriers matul l-istess festival u s-servizz għaż-żamma ta' soft areas. Il-Kunsill qabel li għandu jibda' jaħdem minn issa fuq dawn it-tenders.

40.9.8. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'numru ta' tenders li jridu joħorġu ladarba jkun ser jinbeda l-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

40.9.9. Is-SE għamlet riferenza għas-sistema tal-irrigazzjoni li ser tinbidel u proponiet li din tiġi nstallata wkoll fi Ġnien Preziosi. Il-Kunsill qabel.

40.9.10. Is-Sindku DSH proponiet li jitwaħħal fustun tad-dawl mal-arbli fi Ġnien Preziosi u dan sabiex ikun hemm biżżejjed dawl. Hija qalet li dan jagħmel sabiħ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 40.10 KORRISPONDENZA

### 40.10.1 TALBA GĦAL SHELTER GĦALL-QTATES F'BELT IS-SEBĦ

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Edward Buttigieg dwar ilqugħ li kien hemm għall-qtates fil-viċinanzi ta' Belt is-Sebħ. Huwa qal li dan l-ilqugħ tneħħa u ppropona li l-Kunsill jieħu ħsieb jipprovdi shelter għall-qtates. Il-Kunsillier JAE propona li l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mas-Sur Buttigieg sabiex jara x'qed jissuġġerixxi eżatt.

### 40.10.2 TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING FI PJAZZA SAN KALĊIDONJU

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-uffiċċju tal-arbitru rigward zebra crossing fi Pjazza San Kalċidonju. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien diġà ltaqa mad-Direttur tagħhom u kien ġie suġġerit li z-zebra crossing issir minnhom stess. Is-SE informat li hi kienet diġà bagħtet email xi jiem qabel u għandha tieħu ħsieb tibgħat reminder il-ġimgħa ta' wara.

### 40.10.3 KAMPANJA SUQ BIL-GĦAQAL

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali flimkien mal-Aġenzija LESA fejn informaw rigward kampanja bl-isem ta' Suq bil-Għaqal. Huma pproponew lill-Kunsill sabiex jidentifika żewġ żgħażagħ li huma interessati jkunu parti minn din il-kampanja.

### 40.10.4 ATTIVITÀ MAWRA F'GĦAWDEX

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Grupp Ħidma San Publju fejn ipproponew lill-Kunsill sabiex tiġi organizzata mawra f'Għawdex b'mod konġunt. Huma talbu wkoll li jiġi offrut kolazzjon mal-wasla tal-grupp f'Kerċem. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-kolazzjon ma setax jiġi offrut mill-Kunsill in segwitu tar-regolamenti finanzjarji. Għalhekk il-Kunsill qabel li tiġi organizzata l-mawra konġuntament magħhom iżda qabel li għandu jinformahom li l-kolazzjon ma jistax jiġi offrut.

### 40.10.5 TALBIET GĦAL PARKEĠĠ RISERVAT

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand ICMPD kif ukoll mingħand International Organization for Migration dwar talba għal parkeġġ riservat. Is-SE qalet li kienet tkellmet mal-Foreign Office li nformawha li dawn għandhom jiġu trattati daqs li kieku kienu ambaxxati skont il-linji gwida. Is-SE qalet ukoll li għall-applikazzjoni jkun hemm bżonn li tinħareġ site plan. Hija qalet li din setgħet tinħareġ mis-sit tal-Planning Authority iżda kien hemm miżata li trid titħallas b'karta ta' kreditu. Il-Kunsill ma qabilx li jħallas din il-miżata.

Is-Sindku qalet li ma jistax ikun li l-Kunsill jibqa' jirċievi dawn it-talbiet u għalhekk proponiet li l-Kunsill jitlob laqgħa mas-Sur Vella Fondé. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qalet li kienet iltaqgħet ma' rappreżentant tal-ICMPD li kienu ndikaw liema spazju ta' parkeġġ xtaqu li jiġi riservat. Il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jiltaqa' mas-Sur Vella Fondé qabel ma jieħu deċiżjoni.

### 40.10.6 KORRISPONDENZA MINGĦAND IS-SURMAST TAL-ISKOLA PRIMARJA

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn propona li jingħataw kotba għal-librerija tal-iskola minflok ma jingħataw kotba lil kull student kif kien isir fi snin preċedenti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Il-Viċi Sindku VB żied jgħid li s-Surmast kien avviċinah rigward siġar li ser jinżergħu fl-iskola u hu min-naħa tiegħu kien ikkomunika mal-ELC li nformaw li ser jagħtuhom siġar taż-żebbuġ. Is-SE infurmat lill-Kunsill b'kampanja għaddejja sabiex jinżergħu siġar indiġeni Maltin.

## 40.11 FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLIUS

40.11.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienet tkellmet mal-Grupp Ħidma San Publju kif ukoll mal-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta li nformawha li ser jorganizzaw xi attivitajiet fl-20 u fil-21 ta' Jannar. Għalhekk hi pproponiet li r-riċeviment annwali jiġi organizzat fid-19 ta' Jannar 2018. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 40.12 ST PATRICK'S DAY

40.12.1. Is-Sindku DSH talbet lill-Kunsillier JAE sabiex jaqra korrispondenza mingħand Mark Grech li kienet daħlet ftit tal-minuti qabel rigward l-attività ta' St Patrick's Day. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mas-Sur Grech nhar il-5 ta' Jannar fin-12.30pm sabiex tiġi diskussa l-proposta tiegħu.

## 40.13 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT

40.13.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Noel Castillo li nforma li l-parteċipanti għall-edizzjoni li jmiss kienu telgħu għal ħmistax-il kamra tan-nar.

## 40.14 IL-KONFINI TAL-FLORIANA

40.14.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal dak li ġie diskuss fl-aħħar laqgħa dwar il-konfini tal-Floriana.

40.14.2. Is-Sindku ressqet mozzjoni sabiex il-Kunsill jikteb lill-Kumissjoni Elettorali sabiex jiġu riveduti l-konfini tal-Floriana u li l-postijiet li storikament kienu jaqgħu taħt il-Floriana jerġgħu jiġu mogħtija lura lil-lokalita tal-Floriana. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier JAE. Ittieħed vot favur din il-mozzjoni bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

40.14.3. Għalhekk is-Sindku DSH talbet li l-kunsillieri jipprovdu ritratti u materjal relatat mill-aktar fis sabiex ikunu jistgħu jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali.

## 40.15 JUM IL-FLORIANA

40.15.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-edizzjoni ta' Jum il-Floriana li jmiss ser tinżamm nhar is-6 t'April 2018.

40.15.2. Is-Sindku DSH qalet li kien ġie suġġerit li jiżdiedu xi premji bħalma hu l-Premju tal-Letteratura. Hija proponiet ukoll li jiżdied Premju Mużikali li jingħata lil xi mużiċist li jkun iddistingwa ruħu f'dan il-qasam. Il-Kunsill qabel.

40.15.3. Il-Kunsillier JAE propona li jiżdied ukoll Premju Edukattiv. Is-Sindku DSH qalet li ser ikun diffiċli li wieħed jiddeċiedi min ikun ħaqqu dan il-premju.

40.15.4. Il-Kunsillier JAE propona li jippruvaw jinġiebu sponsorships bħalma huma vouchers li jingħataw bħala premju lill-persuni magħżula għall-premju.

40.15.5. Is-Sindku DSH ipproponiet li tinżamm laqgħa minnufih sabiex jiġu diskussi l-premjijiet-il ġodda kif ukoll ir-regolamenti tal-premjijiet eżistenti. Hija qalet ukoll li jrid jinħatar ukoll il-Bord tal-Għażla. Il-Kunsill qabel.

## 40.16 JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA

40.16.1. Is-Sindku għamlet riferenza għal-laqgħa li nżammet mal-Kumitat tas-Soċjetà Kultura u Storja li matulha ġie diskuss Jum it-Twelid tal-Floriana. Hija qalet li c-Chairman tas-Soċjetà Kultura u Storja

kien reġa' talab laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss dan il-jum. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' mas-Sur Nigel Holland u ma' Dr William Zammit nhar it-8 ta' Jannar fil-5.30pm.

## 40.17 Ġnien Vilhena

40.17.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sitwazzjoni fi Ġnien Vilhena u nformat lill-Kunsill li l-proċess għad-devoluzzjoni ta' dan il-ġnien kien wasal għand is-Segretarju Permanenti.

40.17.2. Is-Sindku kompliet billi ssuġġeriet li l-Kunsill jieħu ħsieb japplika għall-meter tad-dawl minn issa. Il-Kunsill qabel.

## 40.18 Attivitajiet mal-belt ta' Palermo

40.18.1. Is-Sindku DSH qalet li l-laqgħat li kien hemm mal-Kunsill ta' Palermo kienu tajbin ħafna u li d-delegazzjoni tal-Floriana kienet ingħatat merħba u ospitalità xierqa. Hija żiedet tgħid li huma kienu esprimew ix-xewqa li jittellgħu xi attivitajiet flimkien speċjalment matul l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna. Is-Sindku qalet ukoll li setgħu jintużaw fondi tal-Unjoni Ewropea biex dan ikun possibbli u qalet ukoll li l-Kunsill kien diġà tkellem mal-MEUSAC sabiex jara x'hemm bżonn.

40.18.2. Is-Sindku DSH proponiet li l-Kunsill ta' Palermo jiġi mistieden għall-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Hija qalet li kienet diġà talbet kwotazzjoni mill-Grand Hotel Excelsior sabiex jospitaw lill-Kunsill ta' Palermo, lill-Kunsill ta' Macerata kif ukoll lill-ġurija tal-Festival. Is-Sindku qalet li kienet qed tistenna konferma mil-lukanda dwar din it-talba. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

40.18.3. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill ta' Palermo esprimew ix-xewqa li jkun hemm skambju fejn huma jorganizza ġita għal Malta u l-Kunsill tal-Floriana jorganizza ġita għal Palermo.

## 40.19 Laqgħa Pubblika

40.19.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Laqgħa Pubblika ser tinżamm nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru fis-6.30pm. Hija fakkret lill-kunsillieri sabiex jippreparaw ir-rapport tal-ħidma tagħhom li jrid jinqara matul din il-laqgħa.

40.19.2. Is-Sindku DSH informat ukoll li matul din il-laqgħa ser jitressqu l-estimi annwali għas-sena 2018 li jistgħu jinbidlu skont il-bżonn.

## 40.20 Estimi Annwali 2018

40.20.1. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2018. Hija spjegat kif ġew maħduma l-estimi u fakkret li dan l-abbozz seta' jinbidel skont l-eżitu tal-laqgħa pubblika.

## 40.21 Il-Karnival ta' Malta 2018

40.21.1. Is-SE informat lill-Kunsill li kienet intalbet laqgħa mas-Sur Anton Miceli sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet tal-Karnival iżda s-Sur Miceli ma kienx attenda għal-laqgħa. Il-Kunsill qabel li s-Sur Miceli għandu jerġa' jiġi kkuntattjat għal-laqgħa.

**40.22 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

40.22.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.40pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 10 ta' Jannar 2017 fis-7.25pm.

**Konfermati, illum ______________________________________**

| | |
|---|---|
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |